Nru. 18,216
Prezz/Price
€2.98 (Lm1.28)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 25 ta' Marzu, 2008
Tuesday, 25th March, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2008 Nru. III Anno Domini 2008 No. III

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) George Hyzler
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fl-24 ta' Marzu, 2008, l-Aġent Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 24 ta' Marzu, 2008.

B'Awtorità,

(Iff.) Tonio Borg
Aġent Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd.) George Hyzler
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 24th day of March, 2008, the Acting Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 24th day of March, 2008.

By Authority,

(Sd.) Tonio Borg
Acting Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 262

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TA' L-IMPJIEG

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony Azzopardi	Direttur *Director*	Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg *Industrial and Employment Relations*	19–24.3.2008

Il-25 ta' Marzu, 2008

Nru. 263

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifikazzjoni ta' Konċentrazzjoni

SKOND IR-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legal 294 tal-2002, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi notifikazzjoni ta' konċentrazzjoni Ta' Boss Media AB u GTECH Corporation saret u ġiet aċċettata nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu 2008.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist ta' kontroll uniku fuq Boss Media AB minn GTECH Corporation.

Is-settur ekonomiku involut huwa dak ta' logħob u lotteriji.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom għall-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet bil-miktub għandhom jaslu għand id-Direttur ta' l-Uffiċċju ghall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni f'dan l-indirizz:

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni,
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta,
Triq il-Kanun,
Sta Venera CMR02,
Malta

It-18 ta' Marzu, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 262

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony Azzopardi	Direttur *Director*	Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg *Industrial and Employment Relations*	19–24.3.2008

25th March, 2008

No. 263

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

IN terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in the Legal Notice 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition notifies for general information that a notification of a concentration between Boss Media AB and GTECH Corporation was filed and accepted on Thursday, 13 March, 2008.

The nature of the concentration is an acquisition of sole control over Boss Media AB by GTECH Corporation.

The economic sector involved is that for gaming and betting.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on this notified concentration.

Such observations should reach the Director of the Office for Fair Competition within seven days following publication of this Notification at the following address:

Consumer and Competition Division,
Office for Fair Trading,
Triq il-Kanun,
Sta.Venera CMR02,
Malta

18th March, 2008

Nru. 264

No. 264

BILLS TAT-TEŻOR TA' MALTA (KAP. 133)

MALTA TREASURY BILLS ACT (CAP. 133)

Ħruġ ta' Kalendarju

DAN il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull *bill* tat-Teżor li se jinħa reġ kull ġimgħa għax-xahar ta' April 2008 u li huwa ppubblikat mill-*Accountant General* skond u għall-finijiet ta' regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar id-Dematerjalizzazzjoni tal-*Bills* tat-Teżor ta' Malta ta' l-Avviż Legali Nru. 59 ta' l-2007.

Din in-Notifikazzjoni tħassir in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 253 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Marzu, 2008.

Notice of Issuance Calendar

THE following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury Bills for the month of April 2008 and is published by the Accountant General in terms of regulation 5 of the Malta Treasury Bills (Dematerialisation) Regulations, 2007 of Legal Notice No. 59 of 2007.

This Notice cancels Government Notice No. 253 published in the Government Gazette dated 18th March, 2008.

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
31 *National Holiday*	01 TB Tender Date	02	03	04 TB Issue of 28 days maturing 2 May 2008 and issue of 91 days maturing 4 July 2008
07	08 TB Tender Date	09	10	11 TB Issue of 182 days maturing 10 October 2008
14	15 TB Tender Date	16	17	18 TB Issue of 91 days maturing 18 July 2008
21	22 TB Tender Date	23	24	25 TB Issue of 91 days maturing 25 July 2008

TB denotes Treasury Bills

Notes:–

1. Treasury Bills Auctions are held every Tuesday and successful bids are settled the following Friday.
2. When either of these days fall on a Public Holiday the auction takes place on the first working day immediately before.
3. Interest is always calculated on the actual amount of days involved.
4. Bids on Tender forms, which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m. on the tender date. Such bids may either be made directly to the Treasury or transmitted by fax on 25967210 or by e-mail.
5. Only offers with a definite yield shall be considered.
6. 28 day tenor minimum amount is €250,000 other tenor €50,000. Above this minimum must be multiples of €1,000.
7. With regard to the tenor the following days will apply:

   1 month = 28 days — 9 months = 273 days
   3 months = 91 days — 12 months = 364 days
   6 months = 182 days

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same yield as that for the whole amount he has tendered for.
9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day.
10. Settlement of amount allotted is to be made by not later thab 10.00 a.m. on the date on which the relative Bills are dated. Payments may be efected either by cheque, made payable to the Accountant General or by bank transfer to the credit of the Public Account Account Number 40001 EUR-CMG5-001-H, with the Central Bank of Malta. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill.
11. The Accountant General reserves the right of not accepting any tender. For further information please refer to the Malta Treasury Bills General Prospectus at www.treasury.gov.mt

25th March, 2008

Nru. 265

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
25. 03. 08	€19.228 (Lm8.25,5)	€0.388 (Lm0.16,7)

Il-25 ta' Marzu, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 14 ta' l-2008

Tlielaq bil-Powerboats f'San Pawl il-Baħar

B'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 12 ta' l-2008 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-baħħara huma mgħarrfa illi se ssir tellieqa tal-*powerboats* bejn bejn is-Sibt id-29 u l-Ħadd it-30 ta' Marzu, 2008. Nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2008 tista' tintuża f'każ ta' rapport tat-temp bil-maltemp għal ġranet imsemmija hawn fuq.

Se jitqiegħdu bagi fil-pożizzjonijiet li ġejjin A, B, Ċ, D, u E fuq iċ-*chart* li qiegħda fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta: http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Pożizzjoni	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
A	35° 57'.950	14° 26'.100
B	35° 58'.830	14° 25'.680
Ċ	35° 58'.970	14° 24'.921
D	35° 57'.749	14° 24'.520
E	35° 57'.218	14° 23'.807

Il-ħinijiet tat-tlielaq huma bejn l-10.30 a.m. u l-5.30 p.m. ħin lokali.

Il-baħħara huma ordnati biex ma jaqsmux ir-rotta fid-data u l-ħin indikati kif imsemmi hawn fuq u jżommu 'l bogħod mir-rotta. It-tbaħħir se jkun ristrett waqt it-tellieqa. Il-baħħara għandhom jobdu kull ordni li tingħata mill-Valletta Port Control (VTS) u *support craft* fl-inħawi.

Charts affettwati: BA 194, 211A, 2537 u 2538.

Il-25 ta' Marzu, 2008

No. 265

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
25. 03. 08	€19.228 (Lm8.25,5)	€0.388 (Lm0.16,7)

25th March, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 14 of 2008

St Paul's Bay Powerboat Races

With reference to Notice to Mariners No. 12 of 2008 of the Malta Maritime Authority, mariners are informed that the powerboat race will now be held between Saturday 29th and Sunday 30th March 2008. Friday, 28th March, 2008 may be used in case of a bad weather forecast for the above days.

Buoys will be laid in the following positions A, B, C, D and E as per chart which can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at: http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 57'.950	14° 26'.100
B	35° 58'.830	14° 25'.680
C	35° 58'.970	14° 24'.921
D	35° 57'.749	14° 24'.520
E	35° 57'.218	14° 23'.807

The times of the race will be between 10.30 a.m. and 5.30 p.m. local time.

Mariners are instructed not to cross the course on the mentioned date and time as stated above and to give the indicated course a wide berth. Navigation within St Paul's Bay will be restricted during the race. Mariners are to follow any instructions given by Valletta Port Control (VTS) and support craft in the area.

Charts affected: BA 194, 211A, 2537 and 2538.

25th March, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 15 ta' l-2008

Tellieqa bil-Kenuri fil-Port ta' Marsamxett

It-tellieqa annwali bil-kenuri madwar Manoel Island se ssir nhar il-Ħadd, it-30 ta' Marzu, 2008.

It-tlielaq se jkunu mil-lemin għax-xellug madwar Manoel Island prinċipalment ħamsin (50) metru 'l hinn mix-xatt. Il-bidu u t-tluq se jkun fl-i*Strand*, Tas-Sliema faċċata tas-Sliema Hotel.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara li jkunu qegħdin ibaħħru fid-Daħla ta' Tas-Sliema u fil-viċinanzi ta' Manoel Island fil-Port ta' Marsamxett u l-i*Strand* huma mwissija biex joqogħdu attenti għal dawk bil-kenuri, biex iżommu 'l bogħod u biex ibaħħru bil-mod ħafna nhar il-Ħadd, it-30 ta' Marzu, 2008 bejn is-7.00 a.m. u nofsinhar. Jekk il-kondizzjonijiet tat-temp ma jippermettux, it-tlielaq isiru matul ix-xatt ta' l-I*strand*.

Chart affettwata: BA 177.

Il-25 ta' Marzu, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 16 ta' l-2008

Regatta tal-31 ta' Marzu fil-Port il-Kbir

Ir-Regatta tal-31 ta' Marzu se ssir fil-bokka tal-Port il-Kbir. B'konnessjoni ma' dan l-avveniment ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond ir-Regolament 6 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet u skond l-Artikolu 7 ta' l-Att ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352), is-Segretarju Eżekuttiv (Portijiet) jordna illi se jitqiegħdu oġġetti ta' ngombru fil-Port il-Kbir.

2. Fit-30 ta' Marzu, 2008, se jitqiegħdu 3 *sinkers* b'*marker buoys* fil-pożizzjonijiet li ġejjin. Dawn imbagħad jitneħħew mill-ġdid fl-1 ta' April, 2008.

	Latitude (T)	*Longitude (L)*
(i)	35°53'.60	14°30'.92
(ii)	35°53'.50	14°30'.81
(iii)	35°53'.46	14°30'.76

3. Mit-8.00 a.m. se titqiegħed linja ta' *planks/wires* fil-pożizzjonijiet li ġejjin:–

a. minn baga (i) 'l hinn mill-Ponta ta' Sant'Anġlu sa baga (ii) ħdejn il-Ponta ta' l-Isla faċċata tad-daħla ta' Dockyard Creek;

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 15 of 2008

Canoe Race at Marsamxett Harbour

The annual canoe race around Manoel Island will be held on Sunday, 30th March 2008.

The races will be in anticlockwise laps around Manoel Island mainly within fifty (50) metres off the shoreline. The start and finish will be at the Strand, Sliema opposite to the Sliema Hotel.

In view of the above, mariners navigating in Sliema Creek and in the vicinity of Manoel Island in Marsamxett Harbour and the Strand, are advised to keep a sharp lookout for the canoeists, to give a wide berth and navigate at very slow speed on Sunday, 30th March 2008 between 7.00 a.m. and noon. Should the weather conditions be unfavorable, the races will be held along the strand coast.

Chart affected: BA Chart 177.

25th March, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 16 of 2008

31 March Regatta in Valletta Grand Harbour

The 31 March Regatta will be held in the main Grand Harbour Channel. In connection with this event it is notified for general information that in terms of Regulation 6 of the Ports Regulations, 1966 and in terms of Section 7 of the Malta Maritime Authority Act, (Cap. 352), the Executive Director (Ports) directs that the following obstructions will be laid in Grand Harbour.

2. On the 30th March 2008, 3 sinkers with marker buoys will be laid in the following positions. They will then be removed again on 1st April 2008.

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
(i)	35°53'.60	14°30'.92
(ii)	35°53'.50	14°30'.81
(iii)	35°53'.46	14°30'.76

3. As from 8.00 a.m. a line of planks/wires will be laid in the following positions:–

a. from buoy (i) off St Angelo Point to buoy (ii) near Senglea Point opposite the entrance of Dockyard Creek;

b. minn baga (ii) ħdejn il-Ponta ta' l-Isla faċċata tad-daħla ta' Dockyard Creek sal-ponta (iii); il-Ponta ta' l-Isla faċċata tad-daħla ta' French Creek;

ċ. minn baga (i) sal-ponta fuq ix-xatt taħt il-bastjun ta' Lascaris fil-pożizzjon:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°53'.74	14°30'.85

d. mill-kantuniera tat-tramuntana ta' Ras Ħanżir II sa *bollard* 26 f'Deep Water Quay.

Il-bagi, *plank/wires* jitneħħew meta tintemm ir-Regatta għall-ħabta tas-6.00 p.m.

4. Id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jgħarraf lis-Sidien tal-bastimenti u inġenji kollha illi fil-31 ta' Marzu, 2008 bejn it-8.00 a.m. u madwar is-6.00 p.m., bastimenti li jkunu deħlin ma jitħallewx jgħaddu għal xi rmiġġ fil-Lbiċ ta' linja li tgħaqqad Lascaris ma' l-arblu tal-bandiera tal-Forti Sant'Anġlu. Minbarra dan, inġenji żgħar fil-Marsa ma jitħallewx jgħaddu iżjed mil-linja tat-tluq li l-pożizzjoni tagħha hija murija f'(ċ) hawn fuq wara t-8.00 a.m. Ma jitħalla jsir ebda ċaqliq ta' bastimenti fil-Port il-Kbir, sakemm ma jkunx hemm permess speċjali mid-Direttur Eżekuttiv (Portijiet).

5. Sidien ta' bastimenti u inġenji huma mwissija illi l-bagi/*planks/wires* msemmija fil-paragrafi 2 u 3 hawn fuq jistgħu jkunu ta' tfixkil fiżiku u għalhekk għandhom ibaħħru b'attenzjoni. L-istess attenzjoni għandha tingħata meta jkunu qrib *planks/wires* bħal dawn meta dawn ikunu qed jitqiegħdu jew jitneħħew.

Chart affettwata: BA 177

Il-25 ta' Marzu, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 17 ta' l-2008

Tlielaq ta' Power Boats fil-Bajja ta' Qalet Marku

Ngħarrfu lill-baħħara li se jsiru sessjonijiet ta' taħriġ tal-*power boats* bejn is-Sibt il-5 u l-Ħadd is-6 ta' April, 2008 fil-Bajja ta' Qalet Marku bejn nofsinhar u l-400 p.m.

Minħabba dan ta' hawn fuq l-ebda bastiment ma hu awtorizzat jitħalla linja immaġinarja bejn il-pożizzjonijiet 'A' u 'B'.

Pożizzjonijiet *Positions*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude (E)*
A	35° 56'.975	14° 26'.823
B	35° 56'.855	14° 27'.179

b. from buoy (ii) near Senglea Point opposite the entrance of Dockyard Creek to point (iii) Senglea Point opposite the entrance to French Creek;

c. from buoy (i) to a point ashore beneath Lascaris Bastion, position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°53'.74	14°30'.85

d. from north corner at Ras Ħanżir II to bollard 26 at Deep Water Quay.

The buoys, planks/wires will be removed on the completion of the Regatta at approximately 6.00 p.m.

4. The Executive Director (Ports) informs Masters of all vessels and craft that on the 31st March, 2008 between 8.00 a.m. and about 6.00 p.m., incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth South West of a line joining Lascaris and Fort St Angelo Flagstaff. Besides, small craft in "The Marsa" will not be allowed to proceed beyond the starting line whose position is indicated in (c) above after 8.00 a.m. No movements of vessels will be allowed inside Grand Harbour, except by special permission from the Executive Director (Ports).

5. Masters of all vessels and craft are also warned that the buoys/planks/wires mentioned in paragraphs 2 and 3 above may cause a physical obstruction and consequently are to navigate with caution. Likewise caution is to be exercised when in the vicinity of such planks/wires when these are being laid or removed.

Chart affected: BA 177

25th March, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 17 of 2008

Qalet Marku Bay Power Boat Races

Mariners are informed that powerboat practice sessions will be held between Saturday, 5th and Sunday, 6th April, 2008 in Qalet Marku Bay between noon and 4.00 p.m.

In view of the above no unauthorized craft will be allowed to enter an imaginary line between the following positions 'A' and 'B'.

Positions	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude (E)*
A	35° 56'.975	14° 26'.823
B	35° 56'.855	14° 27'.179

Il-baħħara huma ordnati biex ma jaqbżux il-linja immaġinarja fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq. Il-baħħara għandhom jobdu kull ordni li tingħata mill-Valletta Port Control (VTS) u *support craft* fl-inħawi.

Iċ-*Charts* affettwati: BA 194, 2537 and 2538.

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:
http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-25 ta' Marzu, 2008

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Pitkalija

Id-Direttur ta' l-Agrikoltura jgħarraf li l-Pitkalija se tiftaħ normali nhar it-Tnejn, il-31 ta' Marzu 2008, fil-ħinijiet tas-soltu kif ġej:-

Bdiewa	7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Xerrejja	1.00 p.m. 'il quddiem
Pubbliku	4.00 p.m. 'il quddiem

Il-25 ta' Marzu, 2008

DIVIŻJONI GĦALL-KUMMERĊ

Postijiet ta' Uffiċjal ta' l-Informazzjoni fid-Diviżjoni għall-Kummerċ fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment

Id-Diviżjoni għall-Kummerċ, fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment tilqa' applikazzjonijiet minn persuni nteressati għall-postijiet ta' Uffiċjal ta' l-Informazzjoni fid-Direttorat tal-Proprjetà Industrijali, fuq bażi ta' kuntratt għal servizz. Jistgħu japplikaw Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Ġenerali, mhux anqas minn skala ta' Salarju 11 kif ukoll dawk sekondati jew mislufa lill-Organizzazzjonijiet Pubbliċi.

2. Is-salarju għall-post ta' Uffiċjal ta' l-Informazzjoni huwa ta' €14,186 (Lm6,090.05) fis-sena li jiżdied b'€407.67 (Lm175.01) fis-sena sa massimu ta' €16,632 (Lm7140.12).

Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal ta' l-Informazzjoni titla' fi Skala 9 – €15,074 (Lm6,471.27) x €447.17 (Lm191.97) – €17,757 (Lm7,623.08) wara erba' (4) snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

3. Din il-ħatra hija, fuq bażi *full-time* u fuq kuntratt għal sena, li jista' jiġġedded minn sena għall-oħra, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu jseħħu minn żmien għal żmien

Mariners are instructed not to enter beyond the imaginary line on the mentioned date and time as stated above. Mariners are to follow any instructions given by Valletta Port Control (VTS) and support craft in the area.

Charts affected: BA 194, 2537 and 2538.

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:
http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

25th March, 2008

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Opening Hours of the Pitkali Market

The Director of Agriculture notifies that the Pitkali Market will be open on Monday, 31st March 2008, during the usual hours, as shown hereunder:-

Farmers	7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Buyers	1.00 p.m. onwards
The public	4.00 p.m. onwards

25th March, 2008

COMMERCE DIVISION

Posts of Information Officer in the Commerce Division within the Ministry of Finance, Economy and Investment

The Commerce Division, within the Ministry of Finance, Economy and Investment, invites applications from interested persons for the posts of Information Officer in the Industrial Property Registrations Directorate on a contract for service basis. Public officers in the Malta Public Service not below salary scale 11 as well as those who are on secondment or on loan to Public Sector Organisations may also apply.

2. The post of Information Officer carries an annual salary of €14,186 (Lm6,090.05) rising by annual increments of €407.67 (Lm175.01) up to a maximum of €16,632 (Lm7,140.12).

An Information Officer will proceed to Scale 9 – 15,074 (Lm6,471.27) x €447.17 (Lm191.97) – €17,757 (Lm7,623.08) on completion of four (4) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

3. The appointment is subject to a contract of one (1) year, which may be renewed for further periods of 1 year, on a full-time basis, and is subject to the rules and regulations

fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Diviżjoni għall-Kummerċ fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment b'mod partikolari. Il-persuni maħtura jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Il-persuna magħżula tkun *accountable* lejn id-Direttur tal-Propjetà Industrijali u Reġistrazzjoni, f'isem id-Direttur Ġenerali (Kummerċ), u tkun responsabbli għal servizz ta' pariri, tistabbilixxi u timplimenta strateġiji adekwati ta' komunikazzjoni bil-ħsieb li tkompli teduka u tmexxi lil SME u s-settur akkademiku fir-rigward tal-liġi tal-Propjetà Industrijali, kif ukoll fit-tmexxija tal-assi intellettwali u tal-protezzjoni tagħhom.

5. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal ta' l-Informazzjoni huma illi:

tgħin lill-Uffiċjal ta' l-Informazzjoni Anzjan biex jesegwixxi l-attivitajiet approvati taħt is-*Service Implementation Plans*;

tiġbor servizzi dijanjostiċi ta' IP *asset management* lil SMEs magħżula;

iżżomm u taġġorna l-*website* tad-Diviżjoni tal-Kummerċ;

tassigura l-parteċipazzjoni regolari tad-Diviżjoni fi programmi tar-radju u tat-*television;*

li tkun responsabbli mill-organizzazzjoni ta' Seminars, Konferenzi u attivitajiet oħra organizzati mid-Diviżjoni;

tkun responsabbli mill-istqarrijiet għall-istampa u kull xorta ta' komunikazzjoni mal-*media*;

tagħmel kampanji edukattivi mmirati lejn l-istudenti u l-SMEs.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġjonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali.

7. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNP. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotkopji) għandhom jintbagħtu

governing from time to time the Malta Public Service in general and the Commerce Division within the Ministry of Finance, Economy and Investment in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The appointee will be accountable to the Director (Industrial Property Registrations), on behalf of the Director General (Commerce), and will be responsible for advisory services, establishing and implementing adequate communication strategies targeting the ongoing education and guidance of the SME and academic sector with regard to the Intellectual Property legislation, as well as the management of intellectual assets and their protection.

5. The duties of Information Officer include:

supporting the Senior Information Officer to deliver the activities approved under the Service Implementation Plans;

carrying out diagnostic services of IP asset management to targeted SMEs;

keeping the website and portals of the Commerce Division constantly updated;

ensuring the Commerce Division's regular participation in radio and TV programmes;

responsibility for the organisation of Seminars and Conferences and other activities organised by the Division;

responsibility for press releases or any other form of communication to the media;

carrying out educational campaigns aimed at students and SMEs.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post, provided they can carry out, in essence, the duties related to the post, and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Commerce Division and copied to the NCPD.

7. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be in possession of a recognized first degree in Business Management or Administration or Commerce or equivalent. Qualifications and experience claimed must be

mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista). Hija responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġin mill-Università ta' Malta jew istituzzjonijiet terzjarji.

8. Bord ta' l-għażla jintervista l-applikant biex jitqies min ikun adatt għal dan il-post.

(i) Ir-riżultat ta' l-intervista jiġi ppubblikat mid-Direttur Ġeneral (Kummerċ) u muri fin-*notice-board*.

(ii) Jiġi ppubblikat avviż dwar ir-riżultat ta' l-intervista fil-Gazzetta tal-Gvern.

(iii) Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dan is-sit:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp recruitenglish.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Assistent Direttur (*Support Services*), Lascaris, Valletta

10. Il-formoli preskitti ta' l-applikazzjoni, flimkien ma' flimkien mas-Service and Leave Record Form (GP 47) li huma Uffiċjali Pubbliċi, jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur (*Support Services*) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, it-18 ta' April, 2008.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' April, 2008, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand l-Assistent Direttur (*Support Services*), Lascaris, Valletta, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni huwa +356 2123 7900.

12. Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur Ġenerali (Kummerċ). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tingħata rċevuta bil-miktub għal kull applikazzjoni li tasal għand id-Diviżjoni fi żmien sebat (7) ijiem.

Il-25 ta' Marzu, 2008

supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for appointment to the post.

(i) The result of the interviews will be published by the Commerce Division and exhibited on the notice-board of the Division.

(ii) A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette.

(iii) Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Applications forms may be downloaded from the following website:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp recruitenglish.pdf

or obtained from the Support Services Unit, Commerce Division, Lascaris, Valletta.

10. The prescribed application forms, together with a Service and Leave Record Form (GP 47) for applicants who are Public Officers, will be received in the first instance by Assistant Director (Support Services), Commerce Division, Lascaris Valletta by not later than noon of Friday 18th April, 2008.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message up to noon of Friday, 18th April 2008, may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Commerce Division is +356 2123 7900.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given by hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

25th March, 2008

DIVIŻJONI GĦALL-KUMMERĊ

Postijiet ta' Uffiċjal ta' l-Informazzjoni Anzjan fid-Diviżjoni għall-Kummerċ fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment

Id-Diviżjoni għall-Kummerċ, fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment tilqa' applikazzjonijiet minn persuni interessati għall-postijiet ta' Uffiċjal ta' l-Informazzjoni Anzjan fid-Direttorat tal-Propjetà Industrijali, fuq bażi ta' kuntratt għal servizz. Uffiċjali Pubbliċi, fis-Servizz Ġenerali, mhux anqas minn skala ta' Salarju 11 kif ukoll dawk sekondati jew mislufa lill-Organizzazzjonijiet Pubbliċi jistgħu japplikaw.

2. Is-salarju għall-post ta' Uffiċjal ta' l-Informazzjoni Anzjan huwa ta' €17,110 (Lm7,345.32) fis-sena li jiżdied b' €531 (Lm227.96) fis-sena sa massimu ta' €20,296 (Lm8,713.07).

3. Din il-ħatra hija, fuq bażi *full-time* u fuq kuntratt għal sena, li jista' jiġġedded minn sena għall-oħra, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu jseħħu minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Diviżjoni għall-Kummerċ fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment b'mod partikolari. Il-persuni maħtura jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Il-persuna magħżula tkun *accountable* lejn id-Direttur tal-Propjetà Industrija u Reġistrazzjoni, f'isem id-Direttur Ġenerali (Kummerċ), u tkun responsabbli għal servizz ta' pariri, tistabbilixxi u timplimenta strateġiji adekwati ta' komunikazzjoni bil-ħsieb li tkompli teduka u tmexxi lil SME u s-settur akkademiku fir-rigward tal-liġi tal-Propjetà Industrijali, kif ukoll fit-tmexxija tal-assi intellettwali u tal-protezzjoni tagħhom.

5. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal ta' l-Informazzjoni Anzjan huma illi:

tgħin lil Assistent Direttur (*Trademarks*) iwettaq l-attivitajiet approvati taħt is-*Service Implementation Plans*.

tiġbor servizzi dijajnostiċi ta' IP *asset management* lil SMEs magħżula.

iżżomm u taġġorna l-*website* u *portals* tad-Diviżjoni tal-Kummerċ

tassigura l-parteċipazzjoni regolari tad-Diviżjoni fi programmi tar-radju u tat-televiżjoni.

tkun responsabbli mill-organizzazzjoni ta' *seminars*, konferenzi u attivitajiet oħra organizzati mid-Diviżjoni.

tkun responsabbli mill-istqarrijiet għall-istampa u kull xorta ta' komunikazzjoni mal-*media*.

tagħmel kampanji edukattivi mmirati lejn l-istudenti u l-SMEs

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-

COMMERCE DIVISION

Posts of Senior Information Officer in the Commerce Division within the Ministry of Finance, Economy and Investment

The Commerce Division, within the Ministry of Finance, Economy and Investment, invites applications from interested persons for the posts of Senior Information Officer in the Industrial Property Registrations Directorate on a contract for service basis. Public officers in the Malta Public Service not below salary scale 9 as well as those who are on secondment or on loan to Public Sector Orgnisations may also apply.

2. The post of Senior Information Officer carries an annual salary of €17,110 (Lm7,345.32) rising by annual increments of €531 (Lm227.96) up to a maximum of €20,296 (Lm8,713.07).

3. The appointment is subject to a contract of one (1) year, which may be renewed for further periods of 1 year, on a full time basis, and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Commerce Division within the Ministry of Finance, Economy and Investment in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The appointee will be accountable to the Director (Industrial Property Registrations), on behalf of the Director General (Commerce), and will be responsible for advisory services, establishing and implementing adequate communication strategies targeting the ongoing education and guidance of the SME and academic sector with regard to the Intellectual Property legislation, as well as the management of intellectual assets and their protection.

5. The duties of Senior Information Officer include:

supporting Assistant Director (Trademarks) to deliver the activities approved under the Service Implementation Plans

carrying out diagnostic services of IP asset management to targeted SMEs

keeping the website and portals of the Commerce Division constantly updated

ensuring the Commerce Division's regular participation in radio and television programmes

responsibility for the organisation of seminars and conferences and other activities organised by the Division

responsibility for press releases or any other form of communication to the media

carrying out educational campaigns aimed at students and SMEs

6. Persons registered with the National Commission for

Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-paramentri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'domumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali.

7. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNP. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotkopji) għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; domumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista). Hija responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġin mill-Università ta' Malta jew istituzzjonijiet terzjarji.

8. Bord ta' l-għażla jintervista l-applikant biex jitqies min ikun adatt għal dan il-post.

(i) Ir-riżultat ta'l-intervista jiġi ppubblikat mid-Direttur Ġenerali (Kummerċ) u muri fin-*notice board*.

(ii) Jiġi ppubblikat avviż dwar ir-riżultat ta' l-intervista fil-Gazzetta tal-Gvern.

(iii) Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dan is-sit:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Assistent Direttur (*Support Services*), Lascaris Valletta

10. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur (*Support Services*) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, it-18 ta' April, 2008.

Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post, provided they can carry out, in essence, the duties related to the post, and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Commerce Division and copied to the NCPD.

7. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be in possession of a recognized first degree in Business Management or Administration or Commerce or equivalent. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for appointment to the post.

(i) The result of the interviews will be published by the Commerce Division and exhibited on the notice board of the Division.

(ii) A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette.

(iii) Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Applications forms may be downloaded from the following website:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

or obtained from the Support Services Unit, Commerce Division, Lascaris, Valletta.

10. The prescribed application forms, together with a Service and Leave Record Form (GP 47) for applicants who are Public Officers, will be received in the first instance by Assistant Director (Support Services), Commerce Division, Lascaris Valletta by not later than noon of Friday, 18th April, 2008.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' April, 2008, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmta mill-applikant/a trid tasal għand l-Assistent Direttur (*Support Services*), Lascaris Valletta sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni huwa +356 2123 7900.

12. Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur Ġeneral (Kummerċ). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tingħata rċevuta bil-miktub għal kull applikazzjoni li tasal għand id-Diviżjoni fi żmien sebat (7) ijiem.

Il-25 ta' Marzu, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post fl-Edukazzjoni Xjentifika
Dipartiment tal-Matematika, Xjenza
u Edukazzjoni Teknika

Min jinħatar ikun mistenni jikkontribwixxi fit-tagħlim tal-metodi fl-edukazzjoni xjentifika u disinn tal-*curriculum* fl-iskejjel sekondarji, riċerka u attivitajiet oħra fil-qasam tal-Edukazzjoni Xjentifika, fid-Dipartment tal-Matematika, Xjenza u Edukazzjoni Teknika fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni u kif ikun meħtieġ mill-Università.

2. Huwa importanti li l-kandidati jkollhom *postgraduate* bi speċjalizzazzjoni fit-tagħlim tax-Xjenza, u li għamlu riċerka fuq xi aspett ta' l-Edukazzjoni Xjentika fil-livell Sekondarju. Esperjenza relatata fi-tagħlim f'livell sekondarju jew post-sekondarju fi ħdan is-sistema edukattiva Maltija flimkien ma' kwalifia rikonoxxuta fit-tagħlim huma meħtieġa.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għal ħatra f'dawn il-gradi. F'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, kandidat jista' jiġi kkunsidrat għall-ħatra ta' Professur. Madanakollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-kundizzjoni li l-kandidat iġib id-*degree* fil-Ph.D. jew D.Phil fi żmien stipulat.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:

Professur Assoċjat €29,168 (Lm12,522)
Lettur Anzjan €26,457 (Lm11,358)
Lettur €21,449 (Lm9,208) li jiżdied b'*increments* ta' €641 (Lm275) fis-sena għal €23,371 (Lm10,033).

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 18th April, 2008, may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Commerce Division is +356 2123 7900.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given by hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

25th March, 2008

UNIVERSITY OF MALTA

Post in Science Education
Department of Mathematics, Science
and Technical Education

The appointee will be required to contribute to the teaching of secondary school science education methods and curriculum design, research and other activities in the field of Science Education, in the Department of Mathematics, Science & Technical Education of the Faculty of Education, and as may be required by the University.

2. It is essential that candidates have a postgraduate degree with specialisation in the teaching of Science, and that they have conducted research on some aspect of Science Education at secondary level. Relevant experience teaching science at secondary or post-secondary level within the Maltese educational system together with a recognised teaching qualification are also required.

3. An appointment may be made at one of the grades of Associate Professor, Senior Lecturer or Lecturer, if there are applicants who satisfy the statutory requirements for appointment at these grades. However an appointment at Assistant Lecturer grade may also be offered on the condition that the appointee completes a Ph.D. or D.Phil degree within a stipulated period.

The salaries attached to the respective grades are:

Associate Professor €29,168 (Lm12,522)
Senior Lecturer €26,457 (Lm11,358)
Lecturer €21,449 (Lm9,208) rising by annual increments of €641 (Lm275) to €23,371 (Lm10,033).

Assistent Lettur €20,044 (Lm8,605) li jiżdied b'*increments* ta' €596 (Lm255) bil-Masters fis-sena għal €21,833 (Lm9,373).

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani

Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, is-7 ta' April 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

Il-25 ta' Marzu, 2008

Assistant Lecturer €20,044 (Lm8,605) rising by annual increments of €596 with Masters (Lm255) to €21,833 (Lm9,373).

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:-

Director for Human Resources Management and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Monday, 7th April 2008.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 217, Administration Building or on the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

25th March, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Assistent Riċerkatur
(Inġinerija tal-Bijomedika)

Jinħtieg Assistent Riċerkatur biex jaħdem fil-qasam ta' l-Inġinerija tal-Bijomedika mad-Dipartiment ta' l-Inġinerija tas-Sistemi u l-Kontroll fil-Fakultà ta' l-Inġinerija. Dan il-post huwa temporanju, inizjalment għal perjodu sena bil-possibbiltà li jiġi mġedded sa tliet snin.

2. L-applikanti jridu jkollhom kwalifiki akkademiċi rilevanti u esperjenza fir-riċerka u/jew it-teknika.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' €16,641 (Lm7,144) b'żidiet ta' €466 (Lm200) fis-sena sa massimu ta' €18,970 (Lm8,144). Il-bidu tas-salarju fl-iskala jiġi ddeterminat skond il-kwalifiki tal-kandidat.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliett ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani

Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Research Assistant
(Biomedical Engineering)

One (1) Research Assistant is required to work in the field of Biomedical Engineering attached to the Department of Systems and Control Engineering in the Faculty of Engineering. This is a temporary post, initially for one year with the possibility of further annual renewal up to three years.

2. Applicants should have relevant academic qualifications and research and/or technical experience.

3. The post carries an annual salary of €16,641 (Lm7,144) rising by annual increments of €466 (Lm200) up to a maximum of €18,970 (Lm8,144). The entry point within the scale will depend on the candidate's qualifications and experience.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:-

Director for Human Resources Management and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

